

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesverwaltungsgericht Steiermark (l-Awstrija) fit-  
2 ta' Mejju 2018 – Humbert Jörg Köfler et**

**(Kawża C-297/18)**

(2018/C 301/18)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Landesverwaltungsgericht Steiermark

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Humbert Jörg Köfler, Wolfgang Leitner, Joachim Schönbeck, Wolfgang Semper

Konvenuta: Bezirkshauptmannschaft Murtal

Parti oħra fil-proċedura: Finanzpolizei

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi liġi nazzjonali li, għal ksur imwettaq b'negliġenza, tipprevedi, mingħajr ma tistabbilixxi limiti, multi amministrattivi ta' ammont għoli, b'mod partikolari sanzjonijiet minimi għoljin, u, f'każ ta' nuqqas ta' ħlas, pieni ta' priġunerija ta' diversi snin?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fit-8 ta' Ġunju  
2018 – Landwirtschaftskammer Niedersachsen vs Reinhard Westphal**

**(Kawża C-378/18)**

(2018/C 301/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Landwirtschaftskammer Niedersachsen

Konvenut: Reinhard Westphal

**Domandi preliminari**

- 1) It-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament Nru 2419/2001 <sup>(1)</sup> jibda jiddekorri mid-data tal-pagament tal-ghajjnuna jew huwa rregolat mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 <sup>(2)</sup>, jiġifieri, f'dan il-każ, mill-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament?
- 2) Ir-regoli ta' preskrizzjoni stabbiliti fl-Artikolu 49(6) tar-Regolament Nru 2419/2001 jew fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 huma dispożizzjonijiet li jirrigwardaw sanzjonijiet amministrattivi fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 2 (2) tar-Regolament Nru 2988/95?
- 3) L-Artikolu 52a tar-Regolament Nru 2419/2001, li jipprevedi l-applikazzjoni retroattiva tar-regola ta' preskrizzjoni tal-Artikolu 49(5) tal-imsemmi regolament jista' wkoll japplika b'analoġija għall-Artikolu 49(6) tal-imsemmi regolament?